**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.547/01***

***Pulizija***

***Sp.David Saliba***

***v***

***Peter Paul Vella***

Illum 29 Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Peter Paul Vella huma bazati fuq is-segwenti reati: **Ksur tal-Att Biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap.399)**, **Holqien Qarrieqi ta' Reat (Art.110(2) Kap.9)** u **Ksur tal-Att Dwar il-Karta tal-Identita'** - *refferibbilment ghall-11 ta' Settembru 2001* u **Recidivita.**

***Kwadru tal-fatti***

Illi fil-11 ta' Settembru 2001 ghal habta tas-7.58 pm WPc 203 Dorothy Busuttil, meta kienet duty fil-control room, irceviet telefonata anonima fejn persuna b' lehen ta' ragel qallha li *"rega hemm bomba ohra fl-airport".*

Illi peress li din it-telefonata saret fuq in-numru 199, in-numru tat-telefon minn fejn originat it-telefonata gie registrat fuq l-ID caller. Ix-xhud spjegat li n-numru li gie registrat dak il-hin kien 0945 6664. Ix-xhud immedjatament kitbet l-informazzjoni necessarja fuq karta (esebita fl-atti odjerni bhala dok.DS6) u immedjatament informat lis-superjuri taghha li minn naha taghhom informaw lill-awtoritajiet tal-lAjruport Internazzjonali ta’ Malta b’ din l-informazzjoni.

Illi l-istess kuntistabbli, fuq mistoqsijet mghamula lilha, qalet li, **apparti dan il-lehen u diskors, ma semghet xejn**. Fuq mistoqsija ta’ din il-Qorti jekk il-vuci kienitx il’ boghod jew vicin, hija rrispondiet li kienet ***“normali”.***

Illi, stante l-avvenimenti tragici li sehhew fl-Amerika dak in-nhar, s-sigurta’ fl-imsemmija ajruport kienet diga’ fuq l-allerta; u l-awtoritajet koncernati, gustament, hadu din l-informazzjoni bis-serjeta’ bil-konsegwenza li bbustjaw il-misuri ta’ sikurezza gia esistenti. Rizultat ta’ din l-informazzjoni giet kkagunat inkonvenjenza sostanzjali fl-ajurport.

Illi minn indagini li ghamlet il-pulizija, irrizulta li l-imsemmi numru kien jghajjat ic-cellulari tal-imputat, fatt ammess minnu stess fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija.

Illi meta l-imputat gie interrogat l-imputat huwa cahad li kien hu l-awtur ta’ dik it-telefonata, izda spjega hekk *“.... Huwa veru li saret it-telefonata minn fuq tieghi pero’ sehh hekk ghax nahseb li lqat in-numru u min irceviha t-telefonata semghani nghid <u>‘ara ghamlu bomba’</u> ..... li gara ghamiltu bi zball mhux cajta” (sottolinear tal-Qorti).*

Illi fid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-imputat spjega li t-telefon tieghu dejjem ihallih fuq 199; u qal li lit-tifel qallu *“misshom jghamlu bomba l-airport jien u qed nitkellmu, hekk.”*

Fuq mistoqsija jekk kienx jiftakar li kelmitu pulizija mara, huwa rrisponda *"Le lanqas idea m' ghandi, <u>storbju, il-kelba tghajjat</u>" (sottolinear tal-Qorti).*

Illi fuq mistoqsija ulterjuri tal-prosekuzjoni dwar jekk l-imputat jafx li wara li qata l-linja, dana rrisponda *"Le lanqas idea m' ghandi".*

Il-Qort tosserva li l-premessi allegazzjonijiet tal-imputat jistonaw mad-dikjarazzjoni li huwa kien ghamel fil-parti inizjali tal-istess stqarrija fejn, fuq mistoqsija jekk huwa dak in-nhar kienx ghamel it-telefonata minn fuq ic-cellurlari numru 0984 0802 (li huwa c-cellulari tat-tifel tieghu), huwa rrisponda *"**Naf li cempilt**, imma mhux fuq dan it-telefon"*; u kien sussegwentement li ta' l-ispjegazzjonijiet fuq esposti. Pero' hija rilevanti l-konsiderazzjoni li fl-istess nifs qal *"**nahseb** li lqattu b' accident".*

Illi inoltre, rigwardanti t-tielet akkuza irrizulta li l-imputat, li f' dak iz-zmien kien qed jiehu r-relief kellu l-karta tal-identita' tieghu turi li huwa kien ghadu joqghod 159 Atocia Street, Hamrun; mentri mill-provi rrizulta li l-imputat kien u ghadu joqghod f'Hal Luqa Triq Hal Farrug Blk.1 Ent.B

Illi ghal dak li jirrigwarda l-akkuza tar-**Recidivita'** il-Qorti tirrileva li permezz ta' verbal mghamul mid-difisa fil-11 ta' Ottubru 2001, l-imputat iddikjara li s-sentenzi esebiti doks.DS2 u DS3 kienu nghataw fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant din tirrizulta sodisfacentement provata.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li fil-fehma taghha l-versjoni mghotija mill-imputat u cioe' li huwa ***jahseb*** li laqat it-telefon u b' kullbinazzjoni dak il-hin inserta li qal dak id-diskors lit-tifel, <u>hija altament inveritiera</u>. Il-Qorti ma taccettax din il-versjoni tal-fatti, ***<u>multo magis</u>*****<u>, wara li semghet u osservat lill-imputat jiddeponi</u>**. Din l-ahhar cirkostanza ma halliet ebda dubbju f' mohh din il-Qorti gudikanti war l-inattendibilita' tax-xhieda tieghu bazata fuq versjoni menzonjera.

Il-Qorti hija konvinta li l-imputat ghamel dik it-telefonata xjentement, u ghandu jirrispondi ghal dan il-komportament tieghu. Illi minn din l-azzjoni tieghu jikkonfiguraw r-reat li fuqhom huma bazati l-ewwel zewg akkuzi.

Illi inoltre, l-fatt li l-imputat naqas milli jinforma lill-awtoritajiet kompetenti dwar it-tibdil fl-indirizz tieghu bir-rizultat li l-karta' tal-identita' tieghu turi indirizz li ma jikkorispondix ma dak vera tieghu fil-perijodu inkriminat, jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap.258

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghal piena l-Qorti hi tal-fehma li l-komportament kriminuz da parti tal-imputat jimmerita piena karcerarja. Din il-konkluzjoni hi bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**1. Id-dannu psikologiku (fis-sens ta' stress u tensjoni) u anki materjali** li dawn it-tip ta' telefonati, u precisament l-informazzjoni mghoddija, jikkrejaw u jikkawzaw meta jigu diretti lejn postijiet fejn ikunu qed jinghataw servizzi, *multo magis* meta, bhal fil-kaz in disamina, jkunu servizzi essenzjali ghal pajjiz.

Dan kollu, apparti mix-xoghol zejjed u inutili li jghati lill-membri tal-korp tal-pulizija li jkunu impenjati fuq kazijiet ohra. Kif osservat *obiter* l-Onor.Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza *Il-Pulizija v George Grech*, min jghamel denuzja in vjolazzjoni tal-Artikolu 110(2) ikun qed jizvija lill-pulizija bi skapitu ta' l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja.

Din il-Qorti minn naha taghha tghamel referenza ghal-dak li osservat fis-sentenza *Il-Pulizija v Martin Tabone* dwar il-konsegwenzi negattivi rizultanti mir-reat ta' **Holqien qarrieqi ta' Reat: Dan ir-reat -**

*"**1.**Jghamel <u>hsara lill-amministrazzjoni tal-gustizzja</u> billi jtendi li jisgwidaha;*

***2.** Johloq <u>ir-riskju li persuni suspettati jigu arrestati</u> waqt l-investigazzjonijiet tal-pulizija, liema persuni jkunu ghal kollox innocenti minn dak ir-reat;*

*3.Jinkorri l-istat, u allura s-socjeta' fi spejjez inutili minhabba din l-attivita' kriminuza."(Lulju 2001) )*

Mill-provi rrizulta li fil-kaz in disamina din it-telefonata holqot **tensjoni zejda u inutili** fuq in-nies addetti mas-sezzjoni tas-sigurta' fl-ajruport u stress inutili fuq servizzi li huma konnessi ma' din is-sezzjoni. Fi kliem Mario Bugeja, li ghandu l-kariga ta' manager tas-security mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin – *"Inqalghu nies fuq xoghol li kienu qed jaghmlu dak inhar ... inqalghu nies tal-Explosive Ordinance Disposal unit, mill-ewwel. Jigifieri tal AFM. Bdew jisvojtaw il-public areas, inqalghu nies tas-security tal-MIA u bdew mill-ewwel tficcijiet fil-public areas .... Dak inhar flok ten per cent li nficcu fil-hand-luggage, bdejn infittxu hundred per cent."*

Illi in propositu ghal dan ir-reat il-Qorti tosserva li t-telefonata da parti tal-imputat saret fuq **in-numru 199** u huwa fatt mgharuf ma' kullhadd, li dan huwa n-numru li l-**pulizija** tirriservaw ghal kazijiet ta' emergenza jew bzonn iehor ta' natura urgenti. Ghaldaqstant ma jistax jinghad li l-informazzjoni ma nghatatx lill-pulizija kif jirrikjedi l-Artikolu 110(2) fuq indikat. Difatti kienet pulizija li rceviet l-informazzjoni kontenut tat-telefonata in parola.

**2.** **Il-facilita'** u anki l-kumdita' li bih gew kommessi dawn iz-zewg reati, akkumpanjat mill-fatt li f' hafna kazijiet l-awtur ta' dawn l-azzjonijiet ikun **difficli hafna biex jigi identifikat.**

**3.** Inoltre, ezami tal-**fedina penali** tal-imputat jirrileva li l-imputat mhux estranew ghall-attivita' kriminuza, u f' okkazzjonijiet precedenti instab hati ta' reati u giet inflitta fuqu piena karcerarja.

Illi tenut kont tal-imsemmija konsiderazzjonijiet il-Qorti f' dan iul-kaz ser timponi piena karcerarja proporzjonata ghad-dimensjoni tal-azzjoni kriminuza, sabiex isservi bhala deterrent effettiv, kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell generali.

Illi in propositu huwa opportun li jigi rilevat ghall-ahjar intendiment ta' din il-parti tal-gudizzju odjern li fir-rigward tar-reati li fuqhom huma bazati l-ewwel u ir-raba akkuzi, il-ligi tikkontempla piena pekiunjarja; filwaqt li f' kaz tar-reat ta' **Holqien Qarrieqi ta' Reat** li fuqu hija bazata it-tieni akkuza, il-ligi tikkontempla piena ta' prigunerija li fil-massimu taghha ma teccedix sena.

Illi il-Qorti tosserva li it-tielet akkuza tirreferi ghar-raba akkuza, kif jidher anki mit-termini tal-istess akkuza.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi kollha kif fuq indikat, u - wara li rat l-Artikoli 17, 18, 49, 50 u 110(2) tal-kap.9, l-Artikolu 9 tal-Kap.258 u l-Artikolu 39(1)(d) tal-Kap.399 – tikkundannah: fuq **l-akkuzi (1)(2)(5)** komplessivament ghall-***piena ta' disa' xhur prigunerija; u multa ta' mitt lira maltin (LM100)*** **fuq l-akkuzi (3) u (4).**

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***